MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 723/2003

**Maria mart Vincent Cascun, Grazia mart Carmelo Farrugia u Antonio Scicluna**
***versus***
**Nikolina mart Angelo Azzopardi, Josephine mart Joseph Farrugia, Angela mart Gerald Farrugia, Joseph Scicluna, Carmen u Joseph aħwa Grixti ulied Pawla Grixti *née* Scicluna, Suor Bibiana Scicluna fis-seklu Bernardina, ilkoll eredi ta' Carmela u Carmelo miżżewġin Scicluna u Dr Pawlu Lia bħala esekutur testamentarju nominat ta' Carmela Scicluna**

Din is-sentenza hija dwar eċċezzjoni ta' deżerzjoni.

B'ċitazzjoni ippreżentata fit-18 ta' Lulju 2003 l-atturi, wara li fissru (a) illi, b'testment *unica charta* tal-21 ta' Frar 1987 magħmul minn Carmelo Siciluna u martu Carmela *née* Cilia fl-atti tan-Nutar Carmelo Martinelli, u b'testment ieħor tat-3 t'Ottubru 1992 magħmul mill-istess Carmelo Scicluna fl-atti tan-Nutar Philip Said, huma nħatru legatarji jew pre-legatarji tat-testaturi, lil ħatru lill-konvenuti bħala werrieta, u (b) illi huma għadhom ma tqegħdux fil-pussess tal-legati

jew pre-legati mħollija lilhom, talbu (1) illi l-qorti tikkundanna lill-atturi jqegħduhom fil-pussess tal-legati kif iridu t-testmenti, u (2) taħtar nutar sabiex jippubblika l-att relativ u kuraturi biex jidhru f'isem min ma jersaqx għall-pubblikazzjoni ta' l-att. Talbu wkoll l-ispejjeż tal-kawża.
B'dikriet ta' l-4 t'Awissu 2003 il-qorti tat lill-atturi xahar żmien biex jagħtu aktar tagħrif. Billi l-atturi baqgħu ma tawx dan it-tagħrif il-qorti b'dikriet ieħor tat-23 t'April 2004 stednithom sabiex "minnufih" jimxu kif ried id-dikriet ta' l-4 t'Awissu 2003. L-atturi baqgħu ma għamlu xejn u għalhekk il-qorti, b'dikriet ieħor tal-5 ta' Lulju 1995, stednithom igħidu għadx għandhom interess fil-kawża u, f'dak il-każ, jimxu kif ried id-dikriet ta' l-4 t'Awissu 2003. L-atturi reġgħu ma għamlu xejn u l-qorti, għal darb'oħra, b'dikriet tad-19 ta' Jannar 2006, reġgħet stednithom igħidu għadx għandhom interess fil-kawża u, f'dak il-każ, jimxu kif ried id-dikriet ta' l-4 t'Awissu 2003. Għal darb'oħra l-atturi baqgħu ma għamlu xejn u għalhekk il-qorti, b'dikriet tas-6 t'Ottubru 2006 – li sar fl-atti ta' din il-kawża għalkemm bi żball iġib in-numru 723/2004 flok 723/2003 – ordnat illi l-kawża titqiegħed fuq il-lista tal-kawżi li jmorru deżerti kif igħidu l-artt. 963 *et seqq*. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Fil-15 ta' Marzu 2007 l-atturi fl-aħħar b'rikors taw it-tagħrif li riedet il-qorti u talbu illi l-kawża titqiegħed fuq il-lista sabiex tinstema'.
L-atti ġew notifikati lill-konvenuti, u l-konvenuti Joseph Grixti, Carmen Grixti, Angela mart Gerald Farrugia, Joseph Scicluna u Suor Bibiana fis-seklu Bernardina ressqu dawn l-eċċezzjonijiet, fost oħrajn:
1. il-kawża ma tistax titkompla u għandha titqies deżerta għax il-proċeduri bil-miktub ma ngħalqux fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur, kif irid l-art. 963(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u għax għadda ż-żmien ta' xahar minn meta setgħu jingħalqu dawn il-provi [*recte*, proċeduri] bil-miktub, kif irid l-art. 963(3); u
2. il-kawża ġiet dikjarata deżerta fis-6 t'Ottubru 2006, skond l-art. 963(6) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.
Din is-sentenza tallum hija dwar dawn l-eċċezzjonijiet.
Id-disposizzjonijiet tal-liġi relevanti għal dawn l-eċċezzjonijiet huma dawn:

**963.** (1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 416 u 420, il-proċedura bil-miktub, f'kull kawża, għandha tiġi magħluqa, fil-qorti ta' l-ewwel grad, fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur… … ...

(2) Fil-qorti ta' l-ewwel grad, iż-żmien jibda għaddej minn dak in-nhar tal-preżentata tar-rikors ġuramentat [ċitazzjoni] … … …

(3) Jekk jinsab li l-proċeduri bil-miktub, f'kawża miġjuba fuq il-lista għas-smigħ, m'humiex magħluqa, il-qorti tista' tordna li din il-kawża terġa' tiġi mqiegħda mal-kawżi li l-proċeduri tagħhom bil-miktub ikunu għadhom mhux magħluqa, u tiffissa, għall-għeluq ta' dik il-kawża, żmien perentorju ta' mhux aktar minn xahar.

… … …

(5) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 732(2), kawża, li l-proċeduri bil-miktub tagħha ma jiġux magħluqa fiż-żmien hawn fuq imsemmi:

(*a*) meta l-kawża tkun quddiem qorti ta' l-ewwel grad, din għandha titqies bħala kawża li tkun tqiegħdet fuq il-lista ta' kawżi għas-smigħ u li sussegwentement b'ordni tal-qorti, tkun tħalliet għal data mhux speċifikata, u d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 964 sa 967 għandhom ikunu japplikaw għaliha;

... … …

(6) Bid-deżerzjoni ta' kawża fil-qorti ta' l-ewwel grad il-proċediment jispiċċa iżda ma jispiċċax il-jedd għall-azzjoni. … … …

**964.** (1) Kull kawża li jkun hemm f'qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili li, wara li tkun ġiet imressqa għas-smigħ, tiġi, b'ordni tal-qorti, differita *sine die* jew xort'oħra sospiża għandha titqies bħala deżerta sakemm ma tiġix appuntata mill-ġdid mill-qorti fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur minn meta tkun hekk ġiet differita jew sospiża jew ikun ġie ppreżentat fil-qorti rikors, f'dak il-perjodu, biex tiġi appuntata mill-ġdid:

… … ...

**967.** Id-deżerzjoni, taħt l-artikoli 963 u 964, titqies li ġrat fil-jum li fih jagħlaq iż-żmien stabbilit f 'dawk l-artikoli; … … …

Rajna illi l-kawża nfetħet fit-18 ta' Lulju 2003, u għalhekk il-proċeduri bil-miktub kellhom jingħalqu fit-18 ta' Jannar 2004. Sa dakinhar ma kinux ingħalqu u għalhekk minn dakinhar il-kawża setgħet titqiegħed fuq il-lista msemmija

fl-art. 963(5). Fil-fatt, billi l-qorti tat lill-atturi aktar minn okkażjoni waħda biex jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom, il-kawża tqiegħdet fuq dik il-lista fis-6 t'Ottubru 2006. L-atturi għalhekk kellhom żmien ta' sitt xhur minn dakinhar biex iressqu rikors biex il-kawża titqiegħed fuq il-lista għas-smigħ, u hekk jevitaw id-deżerzjoni skond l-art. 964(1), u, fin-nuqqas, id-deżerzjoni titqies li seħħet fis-6 t'April 2007, skond l-art. 967.
Il-konvenuti, iżda, ressqu r-rikors fil-15 ta' Marzu 2007, u għalhekk id-deżerzjoni ma seħħitx.
Għal din ir-raġuni l-qorti tiċħad l-eċċezzjoni ta' deżerzjoni u tordna li jitkompla s-smigħ tal-kawża.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------